**6 ta' April, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Mary Ellul

*versus*

Joseph Coleiro et.

**Likwidazzjoni ta' Wirt — Aċċettazzjoni ta' Wirt — Leġittima.**

*Hu prinċipju ormaj paċif ku fil-ġurisprudenza nostrali illi, biex il-likwidazzjoni ta' wirt tista' tintalab bħala pre-ordinata għad-diviżjoni, jeħtieġ li l-attur ikun werriet, jew għall-anqas leġittimarju; u li għalhekk, min ikun għadu ma ddeliberax li jaċċetta l-eredità, jew li ma jaċċettahiex u minflok jieħu l-leġittima, ma jistax jippromwovi kawża għall-likwidazzjoni tal-wirt. Għax hu ma jkunx jista' jiġi kunsidrat la bħala werriet u lanqas bħala leġittimarju.*

B'sentenza tat-22 ta' Ġunju 1959 (publikata) ġie miċħud lill-attriċi l-permess biex tappella minn din is-sentenza quddiem il-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat.

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attriċi, wara li ppremettiet li fl-ewwel ta' Awissu 1957 miet il-Kavalier Giovanni Coleiro, li b'testment "unica

charta" ma' martu l-konvenuta Giuseppina Coleiro, oltre li nnomina liż-żewġ uliedu, ċjoè l-instanti u l-konvenut Joseph Coleiro, eredi fi kwoti ndaqs bejniethom, ħalla in prelegat lill-ibnu Joseph Coleiro kull kwota, sija spettanti lilu kemm ta' proprjetà tal-imsemmija martu l-konvenuta Giuseppina Coleiro, ta' kwalunkwe soċjetà li fiha t-testatur kellu sehem u nteress, u ta' kwalunkwe profitt dovut lill-istess soċjetajiet, iżda mpona lill-prelegatarju diversi obligi a favur tal-instanti bħala korrispettiv lilha tal-imsemmi prelegat; illi l-attriċi ma rnexxilhiex tottjeni minn għand il-konvenut ħuha dawk l-informazzjonijiet li għandha dritt għalihom sabiex tkun taf il-pożizzjoni tagħha in segwitu għall-mewt ta' missierha; talbet li, prevja n-nomina ta' periti ġudizzjarji biex jagħmlu l-likwidazzjonijiet u d-diviżjonijiet tal-assijiet hawn taħt imsemmija, u ta' sekwestratarju ġudizzjarju biex mil-lum il-quddiem jamministra l-istess assijiet, jew xi sostanzi li jiffurmaw parti minnhom, taħt dawk il-provvedimenti kollha li jiġu fissati minn dik il-Qorti, (1) tiġi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti ġa eżistenti bejn il-mejjet Kavalier Giovanni Coleiro u l-konvenuta martu Giuseppina Coleiro; (2) dan l-assi, hekk likwidat, jiġi diviż f'żewġ porzjonijiet, li minnhom waħda għandha tiġi assenjata lill-konvenuta Giuseppina Coleiro u l-oħra lill-assi partikulari tal-Kavalier Giovanni Coleiro; (3) jiġi likwidat l-assi partikulari tal-Kavalier Giovanni Coleiro, li għandu jiġi dikjarat jikkonsisti f'dik il-porzjoni tal-assi komuni u soċjali ġa assenjata bħala konsegwenza tal-premessa domanda u f'dawk is-sostanzi l-oħra kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; liema likwidazzjoninijiet u diviżjonijiet qegħdin jintalbu sabiex l-attriċi tkun tista' tiddeċidi jekk għandhiex taċċetta d-dispożizzjonijiet testamentarji favur tagħha ordnati mill-mejjet missierha bit-testment tiegħu fuq ċitat, jew inkella għandhiex tirreklama l-leġittima lilha spettanti fuq l-istess assi ta' missierha. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-20 ta' Novembru 1957, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-19 ta' Mejju 1958, li biha laqgħet il-preġudizzjali opposta mill-konvenuti, u konsegwentement illiberat lill-istess konvenuti mill-osser-

vanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kollha għall-attriċi; wara li kkunsidrat, dwar l-eċċezzjoni preliminari opposta mill-konvenuti;

Illi b'testment "unica charta" publikat minn Nutar Joseph Spiteri fit-2 ta' Frar 1957 (fol. 13) il-Kavalier John Coleiro, flimkien ma' l-konvenuta Giuseppina Coleiro martu, innomina eredi lill-uliedu Joseph u Mary f'partijiet ugwali, barra mill-prelegati hemm imsemmija, kompriż dak imħolli lill-ibnu Joseph indikat fiċ-ċitazzjoni;

Illi l-attriċi, kif issottomettiet fid-dikjarazzjoni tagħha (fol. 3), sabiex tara liema hija l-porzjoni tagħha in segwitu għall-mewt ta' missierha, għamlet din il-kawża, biex tkun tista' tiddeċidi jekk għandhiex taċċetta d-dispożizzjonijiet testamentarji jew inkella tirreklama l-leġittima lilha spettanti;

Illi huwa ormaj paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna l-aktar reċenti, illi, biex jitlob il-likwidazzjoni ta' wirt li hija preordinata għad-diviżjoni, huwa meħtieġ li l-attur ikun werriet jew għall-anqas leġittimarju, u għalhekk min ikun għadu ma ddeliberax jekk jaċċettax jew le l-eredità, jew minflok jieħu l-leġittima, ma jistax jippromwovi kawża għall-likwidazzjoni tal-wirt, billi ma jkunx għadu jista' jiġi kunsidrat la bħala werriet u lanqas bħala leġittimarju (Kollez, XXXI-I63; XXXI-II-36, konfermata fl-Appell fis-27.10.1941 inedita). Kwantu mbgħad għall-leġittimarju, dan ma jistax jippromwovi l-kawża qabel ma jkun irrinunzja għall-wirt "b'mod espress" kif trid il-liġi (art. 901 Kod. Ċiv. — v. Kollez. XXXII-I-423; u XXXVIII-I--620); u s'issa "ex admissis", din ir-rinunzja ma saretx;

Illi konsegwentement l-attriċi, "rebus sic stantibus", mhix intitolata tagħmel il-kawża preżenti;

Rat fol. 22 in-nota tal-appell tal-attriċi, u fol. 23 il-petizzjoni tagħha, li biha talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi respinta l-preġudizzjali opposta mill-konvenuti, u tiġi għalhekk imħassra l-liberatorja "ab observantia", u billi jiġi minflok ordnat li l-kawża titkom-

pla għat-trattazzjoni u definizzjoni tad-domandi avanzati bl-att taċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Ir-raġunijiet sottomessi mill-appellanti, sija fin-noti tagħha kemm ukoll fid-dibattitu orali, ma humiex tali li jistgħu jinduċu lil din il-Qorti, kif kostitwita, li titbiegħed millprinċipju, ormaj paċifiku fil-ġurisprudenza nostrali, li fuqu tinsab bażata s-sentenza appellata, illi, ċjoè, biex tista' tintalab il-likwidazzjoni ta' wirt bħala pre-ordinata għaddiviżjoni, jeħtieġ li l-attur ikun werriet jew għall-anqas leġittimarju, u li għalhekk, min ikun għadu ma ddeliberax li jaċċetta l-eredità, jew li ma jaċċettahiex u jieħu l-leġittima, ma jistax jippromwovi kawża għall-likwidazzjoni talwirt, billi ma jkunx għadu jista' jiġi kunsidrat la bħala werriet u lanqas bħala leġittimarju (ara s-sentenzi ċitati mill-Ewwel Qorti, ċjoè Kollez. Vol. XXXI-I-63, u XXX-II-36, mogħtija mill-Prim'Awla u konfermata fl-Appell fis-27. 10. 1941; kif ukoll is-sentenza fil-Vol. XXXII-II-147);

L-appellanti qiesha trid tieħu xi argument favur l-istanza minn tliet sentenzi oħra minnha ċitati. Dik riportata fil-Kollez. Vol. III, 348-349 ma tajjutahiex, lanqas bil-kliem li l-attriċi stralċjat minnha u ċċitat, ċjoè "sebbene competa al citante nomine il diritto di deliberare sull'eredità di che, e di conoscere in che consiste l'asse"; għaliex dawk il-kliem għandhom jiġu korrelatati mal-konsiderandi preċedenti, fejn intqal hekk:— "Che però, per devenire ad una tale deliberazione, non è necessario procedere alla regolare e solenne firmazione dell'asse ereditario, come si domanda dal citante, essendo sufficiente che egli conosca le forze della eredità e dei suoi pesi". Liema konsiderando, għalkemm ma jaffermax hekk kategorikament, in vista taċċirkustanzi partikulari tal-każ li kienu quddiem dik il-Qorti, il-prinċipju affermat fil-ġurisprudenza reċenzjuri fuq ċitata, juri però li l-Qorti kienet avversa għall-likwidazzjoni formali fl-istadju tad-deliberazzjoni;

Lanqas tista' tkun ta' ġjovament għall- assunt tal-

appellanti s-sentenza ta' din il-Qorti taż-17 ta' Marzu 1920, fil-Vol. XXIV-I-445. Veru hu li fl-ewwel konsiderando din il-Qorti donnha ammettiet l-esperibbilità ta' azzjoni simili; però pjuttost jidher li dik id-deċiżjoni kienet ġiet adattata għaċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ kif żvolġew ruħhom fil-proċess, u li l-Qorti kienet preokkupata li tissalvagwarda xi azzjoni futura, billi, minflok tirriġetta l-istanza, kif kienet għamlet l-Ewwel Qorti, tillibera "ab observantia". Dippjù, anki b'dan kollu li ngħad, jidher dejjem li l-Qorti f'dik il-kawża kienet avversa li ssir "una formale e costosa liquidazione d'asse", ġa ladarba l-attur seta' jkollu "aliunde" l-materjal biex jista' jiddelibera;

Hemm ċitata fiha sentenza oħra ta' din il-Qorti, "Camilleri vs. Sammut", tal-5 ta' Marzu 1920, inedita; però din, fil-parti nvokata, ma għamletx ħlief li ddeċidiet li l-ispejjeż tal-likwidazzjoni tal-leġittima huma għak-kariku tal-eredi;

Is-sentenza fil-Vol. XXIX-II-1048, li tiċċita wkoll l-appellanti bħala appoġġ għat-teżi tagħha, għandha fattezzi diversi, u għalhekk ma tistax ikollha nfluwenza fid-deċiżjoni ta' dan il-każ;

Jista' jingħad, għall-isfond tal-kawża, u anki in vista ta' konsiderandi simili fis-sentenzi in diżamina, li issa, li l-appellanti għamlet il-proċedura ndikata fid-dokument fol. 41, fis-Sekond'Awla tal-Onorabbli Qorti Ċivili, hija għandha ndubbjament mezz sabiex tasal fl-intent tagħha li jkollha elementi suffiċjenti biex tista' tiddelibera, inkwantokkè, għall-finijiet tal-kompilazzjoni tal-inventarju, hija tkun tista', konformement għal dak li jiġi prattikat "ex laudabili stylo" ta' dik il-Qorti, tipprokura l-ingunzjoni tal-interessati biex jagħtuha l-informazzjonijiet meħtieġa taħt ġurament;

*Għal dawn il-motivi;*

Tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi għak-karigu tal-appellanti.